A.L. 20 ta' l-1992

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR (KAP. 261)

Ordni ta' l-1992 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1992 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 3).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mill-21 ta' Jannar, 1992.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) Flat numru 2, Blokk A, Qasam tad-Djar tal-Gvern, Triq il-Plejju, Mġarr, Malta.

(2) Id-dar bin-numru 55, Triq id-Dawr, Qasam tad-Djar tal-Gvern, Mosta.

(3) Flat numru 14, Blokk C, Sezzjoni Nru. 2, Qasam Hal Dmikki, Hal-Għaxaq.

(4) Flat numru 3, Blokk D, Bieb 3, Għajn Qajjet, Rabat, Malta.

(5) Flat numru 2, Blokk F, Bieb 1, Għajn Qajjet, Rabat, Malta.

(6) Flat numru 5, Blokk 9, Bieb 11, Misraħ Dorell, Santa Luċija, Malta.

(7) Id-dar bin-numru 34, "Carina", Triq Ħalib it-Tajr, Santa Luċija, Malta.

(8) Flat numru 3, Blokk F, Triq il-Peprin, Santa Luċija, Malta.

(9) Id-dar bin-numru 8, Vjal l-Oleandri, Santa Lučija, Malta.

(10) Flat numru 1, Blokk A5, Triq il-Watar, Ta' Xbiex.

(11) Flat numru 4, Blokk C3, Qasam tad-Djar tal-Gvern, Ta' Xbiex.

(12) Id-dar bin-numru 8, Fuq Tal-Hawli, Vittoriosa.

(13) Id-dar bin-numru 2, Triq San Leonardu, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Xgħajra, Żabbar.

(14) Id-dar bin-numru 42, Triq il-Ġiebja Rumana, Żejtun.